Isla

Citta' Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA

## MARZU 2002 - MARZU 2003

Din hija l-ewwel sena ta' dan ir-Raba' Kunsill li ġie elett f'Marzu 2002 biex iservi f'din il-kariga għat-tlett snin bejn l-2002 u l-2005. F'din l-ewwel sena dan il-Kunsill fassal il-business plan tiegħu għas-snin 2003 - 2006. F'din l-ewwel sena l-mira ta' dan il-Kunsill kienet li jibda jikkreja fondi biex ikun jista jimbarka fuq proġetti kapitali bħal ma' għamel fis-snin ta' qabel dan minħabba li l-Kunsill Lokali kien uża kważi l-fondi kollha li kellu l-Kunsill għal dan il-għan.

# 1. Il-Kunsill

Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill li fiha saret il-ħatra tas-Sinku u tal-Viċi Sindku fuq il-proċedura li tilob il-Liġi tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie ffurmat kif ġej :

| | | |
|---|---|---|
| Sindku | - | Joseph Casha |
| Viċi Sindku | - | Walter Ahar |
| Kunsillier | - | Charmaine Gerada |
| Kunsillier | - | Mario Mizzi |
| Kunsillier | - | Reno Chircop |

F'din l-istess laqgħa l-Kunsill ħatar Iċ-Chairpersons tas-Sotto Kumitati tal-Kunsill.

- Joseph Casha - Chairperson

Sotto Kumitati : Finanzi, Ġustizzja, Enemalta, Inizjattivi u Ħidma Soċjali, Awtorita ta' l-Ippjanar, Rijabilitazzjoni tal-Kottonera, Għaqdiet Lokali

- Joseph Casha / Charmaine Gerada - Chairperson

Sotto Kumitati : Proġetti u Infrastruttura, Ġemellaġġ

- Walter Ahar - Chairperson

Sotto Kumitati : Indafa pubblika, Ġonna Pubbliċi, Saħħa / Sigurta'

- Charmaine Gerada - Chairperson

Sotto Kumitati : Korporazzjoniiet Governattivi, Wirt Storiku, Edukazzjoni, Informatika, Kommunikazzjoni Internazzjonali, Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*Nota: Wara r-riżenja tal-Kunsillier Charmaine Gerada fit-13 ta' Mejju 2002, is-Sinjura Anna Spiteri ġiet maħtura bħala Chairperson ta' dan is-Sotto Kumitat. Is-Sindku jirriserva d-dritt li jerġa jaħtar lill-Kunsillier Charmaine Gerada meta din tibgħat notifika li trid tkompli bit-tmexxija tas-Sotto Kumitat.*

- Mario Mizzi - Chairperson

Sotto Kumitati : Anzjani u Affarijiet tal-Familja, Kultura u Attivitajiet Soċjali, Ismijiet tat-Toroq.

- Reno Chircop - Chairperson

Sotto Kumitati : Żgħażagħ u Sport, Trasport Pubbliku, Xogħol ta' Manutenzjoni

## 2. Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena, Marzu 2002 - Marzu 2003 saru 16 il-laqgħa tal-Kunsill u l-attendenza kienet hekk :

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużat / a |
|---|---|---|---|---|
| J. Casha (Sindku) | 16 | 16 | 0 | 0 |
| W. Ahar (V. Sindku) | 16 | 16 | 0 | 0 |
| C. Gerada (Kunsillier) | 16 | 16 | 0 | 0 |
| M. Mizzi (Kunsillier) | 16 | 15 | 0 | 1 |
| R. Chircop (Kunsillier) | 16 | 16 | 0 | 0 |
| A. Zammit (Seg. Eżekuttiv) | 16 | 16 | 0 | 0 |

## 3. Ħidma mis-Sotto Kumitati

- Proġetti / Infrastruttura

Dan is-Sotto Kumitat iltaqa' diversi drabi u ħadem fuq dawn it-temi; Bankini, grawnd tal-football, Estimi ta' xogħol ta' toroq, Belveder, Fuel Station, Bus Shelters, Bankini ħdejn l-Iskola Primarja, Upgrading tal-Pjazza quddiem Ġnien il-Gardjola, Proġett Marina tal-Kottonera, Proġett San Mikiel.

- Ħidma u Inizjattiva Soċjali

Dan is-Sotto Kumitat iddiskuta u ħadem fuq dawn it-temi; Korsijiet fil-Kunsill, Seminar Sedqa - Kors Bażiku fil-Kommunita, Ħidma u Inizjattiva Soċjali mal-Community development Unit, Support u Councelling, Kors Empowerment Skills for Women, Kors għall-Qari u Kitba, Ħidma fost Iż-Żgħażagħ.

- Edukazzjoni / Korporazzjonijiet / Informatika

Dan is-Sotto Kumitat ħadem favur dawn it-temi u l-iskop ta' dan is-Sotto Kumitat; Strategic Plan for Life Long Literacy" Tfassil ta' program, Euro Med u ġemellaġġ.

- Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sport

Saru laqgħat għaż-żgħażagħ, saru kuntatti mal-Malta Sports Council u ma' għaqdiet oħra fil-lokal u nazzjonali.

- Sotto Kumitat Indafa Pubblika / Ġonna Pubbliċi / Saħħa u Sigurta'

Dan is-Sotto Kumitat jieħu ħsieb fuq bażi regolari (ta' kuljum) il-bżonnijiet ta' tindif u żamma ta' Ġonna Pubbliċi.

- Sotto Kumitat Festi / Attivitajiet

Dan is-Sotto Kumitat organiżża l-attivitajiet imtella mill-Kunsill u li qed jiġu elenkati aktar l-isfel.

## 4. Impenn 2002 / 2003

Ħarsa lejn dawk il-Proġetti Kapitali li l-Kunsill wettaq matul din is-sena.

- Niċċa ta' Sant'Anna

Il-Kunsill flimkien mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera taw bidu biex isir restawr fin-Niċċa ta' Sant'Anna kif ukoll il-Mini fid-daħla ta' l-Isla. Dan il-proġett huwa stmat li jiswa Lm 109, 000.00 fi żmien tliet snin.

- Is-Sur ta' San Mikiel

Baqa' sejjer il-pavimentar ta' l-art fuq is-Sur ta' San Mikiel li jiġi fuq il-Mini fid-dħul ta' l-Isla. Dan ix-xogħol qed isir bl-għajnuna tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

- Pjazza u Triq San Mikiel

Il-Kunsill flimkien mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera lestew dan il-proġett ftit xhur ilu. Din il-pjazza ġiet rijabilitata kif ukoll ingħata kisi bil-Hot Rolled Asphalt wara li ġew mgħoddija s-servizzi ta' l-ilma. Dan il-proġett qam madwar Lm 3, 700 mill-Kunsill, Lm 12, 000 għall-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni.

- Il-Kunsill qiegħed jieħu ħsieb pavimentar fit-toroq fejn hemm lż-żonqor, it-traġ tal-Maċina kif ukoll l-ewwel Triq id-Duluri għada kif kienet lesta mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

- Sar patching f'toroq Żewġ Mini, Triq San Ġużepp, Triq il-Ponta, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq San Ġiljan.

- Il-Kunsill wasal fi ftehim mar-Restoration unit biex jiġi rranġat il-ħajt li jibda mix-Xatt għal Triq is-Sirena.

- <u>Railing Ġdid fit-toroq</u>

Triq san Filippu : Triq il-Maċina, Triq Iż-Żewġ Mini kantuniera ma' Triq il-Ħabs l-Antik.

- <u>Street Furniture</u>

Il-Kunsill ħa ħsieb li jibdel it-tabelli ta' l-ismijiet tat-toroq. Saru madwar 48 tabella f'16 il-triq differenti.

- <u>Dockyard Terrace</u>

Ix-xogħl fuq il-Proġett ta' Dockyard Terrace jinsab wieqaf minħabba problemi li sab il-kuntrattur li qiegħed jagħmel dan ix-xogħol. Kif ġejna nfurmati mid-Dipartiment ta' l-Artijiet se tinġieb ġebla apposta min Spanja, u meta tasal jitkompla x-xogħol.

- <u>Xogħlijiet oħra li saru mill-Kunsill</u>

Ħwat tal-konkos quddiem il-Knisja
Ħadid u l-bankijiet tax-Xatt
Latrini tax-Xatt, Gardjola u tal-Ponta
Żebgħa ta' railings (Triq il-Miġja tal-Papa)
Railings tat-taraġ
Slipway tad-dgħajjes
Żbir tas-siġar madwar l-Isla kollha
Tabelli u sinjali tat-traffiku

- <u>Sala għall-Kommunita'</u>

Minħabba diversi attivitajiet li qegħdin isir fis-Sala għall-Kommunita', l-Kunsill ħa ħsieb li din is-sala tkun atrezzata b'dak kollu li hemm bżonn. Inxtraw materjal għall Catering kif ukoll saru mwejjed biex nilqu għal kull attivita'.

- <u>Parking għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali</u>

Fuq talba tal-Kummissjoni għall-Persuni b'Diżabilita' il-Kunsill ħa ħsieb jagħmel Reserved Parking Bay f'dawn il-Pjazzi :
Pjazza Franġisk Zahra, Pjazza Ġorġ Mitrovich, Ħdejn il-Knisja tal-Vitorja.

Il-Kunsill iddiskuta diversi lmenti tar-residenti tal-lokal u wettaq ħafna xogħol mitlub minnhom.

- <u>Skola Primarja Dom Mauro Inguanez</u>

Il-Kunsill kompla jagħti l-appoġġ tiegħu għal hidma li qed titwettaq f'din l-iskola għall-ġid ta' ulied din il-belt.

Fil-11 ta' Diċembru 2002 is-Sindku Joseph Casha flimkien mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni inawguraw Librerija għall-qari ġeww din l-Iskola. F'din il-ġurnata ġiet imtella' attivita' kulturali u edukattiva. Il-Kunsill iffinanzja dan il-proġett kollu u li sewa madwar Lm 1, 000.00.

Barra dan il-Kunsill ħallas għal Traffic Awareness Day li ġiet imtella' mill-istess Skola fejn l-istudenti ġew indirizzati mill-Korp tal-Pulizija dwar ix-xogħol tagħhom u dwar it-traffiku f'Malta.

- <u>Żjara tal-President ta' Malta</u>

Fis-16 ta' Jannar 2003 l-Eċċellenza Tiegħu l-Profs. Guido DeMarco għamel żjara uffiċjali fil-lokal ta' l-Isla fejn ġie mdawwar mal-lokal, fosthom Ġnien il-Gardjola u anke saru żjarat lil Għaqdiet fil-lokal u fil-Knisja Parrokjali.

Wara saru diskorsi mis-Sindku Joseph Casha u mill-Eċċellenza Tiegħu l-Profs. Guido DeMarco kif ukoll sar bdil ta' tifkiriet ta' l-okkażjoni. Wara saret bibita żgħira.

- <u>Ġemellaġġ Isla - Cassino</u>

Il-Kunsill ta bidu għal ġemellaġġ bejn il-Belt ta' l-Isla u dik ta' Cassino fl-Italja. Dawn it-taħditiet ilhom li bdew mis-sena 2001.

Bejn is-26 u d-29 ta' Awissu 2002 delegazzjoni ta' seba' Kunsilliera minn Cassino żaret l-Isla fejn ġew imdawwra ma' l-Isla u postijiet storiċi fl-Isla kif ukoll f'Malta. Waqt lż-żjara tagħhom żaru lill-Għaqdiet tal-lokal fejn ġew milqugħa tajjeb ħafna. Saru l-ewwel taditiet biex jingħata bidu għal dan il-ġemellaġġ.

Bejn l-20 u l-24 ta' Novembru 2002 il-Kunsill Lokali ta' l-Isla mar fil-Belt ta' Cassino għal żjara ta' familjarizżazzjoni kif ukoll biex jitkomplew it-taħditiet biex dan il-ġemellaġġ jitwettaq. Qabel ħalliet Cassino d-delegazzjoni mill-Kunsill ta' l-Isla u dak ta' Cassino qablu fuq abbozz ta' attivitajiet li jistgħu jsiru matul is-sena 2003 wara li jkun ġie ffirmat uffiċjalment din il-ftehim ta' ġemellaġġ.

Il-Kunsill qed jaħdem fuq proposti fejn jista' jsir bdil ta' talent u attivitajiet edukattivi matul din is-sena.

- <u>Jum l-Isla (8 ta' Mejju 2002)</u>

Il-Kunsill ikkommemora Jum l-Isla (8 ta' Mejju 2002) billi ħejja program ta' attivitajiet ta' tlett ijiem bejn is-6 u t-8 ta' Mejju 2002.

Saru diversi attivitajiet filgħodu u filgħaxija fejn ġew involuti ċ-ċittadini tal-lokal kif ukoll it-tfal ta' l-Iskola, Kor ta' l-Isla kif ukoll l-Għaqdiet lokali. Il-Kunsill tella' wkoll attivita' storika u kulturali permezz ta' Reanactment Group li taw dehra tas-sitwazzjoni f'Malta fi żmien l-Ingliżi u l-Franċiżi.

Għal din l-okkażjoni l-Kunsill kera ilbiesi ta' l-epoka biex jintlibsu miċ-ċittadini waqt dawn l-attivitajiet.

- Seminar Sedqa - Id f'Id (18 ta' Mejju 2002)

Il-Kunsill permezz tas-Sindku Joseph Casha, il-Kunsillier Reno Chircop u s-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti f'dan is-seminar bit-tema "Sehmi jgħodd Ukoll". Dan is-semnar ta' nofs ta' nhar li sar fl-Institute of Water Technology. Ir-rappreżentanti tal-Kunsill ħadu sehem *f'discussion workshops*.

- Laqgħa ta' Tagħrif għall-Mara (30 ta' Mejju 2002)

Saret l-ewwel laqgħa fis-Sala tal-Kunsill Lokali Isla fejn in-nisa tal-lokal ġew mistiedna biex jattendu għal taħdita minn Ms Janet Meli. F'din il-laqgħa ġew imfissra l-korsijiet li l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ qed toffri għan-nisa ta' kull eta'.

- Empowerment Skills għan-Nisa (20 ta' Ġunju 2002)

Il-Kunsill flimkien mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ organiżżaw laqgħa nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2002 fis-Sala tal-Kunsill.

- Clean Up the World (25 - 27 ta' Ottubru 2002)

Il-Kunsill ħa sehem fil-"Clean Up the World" imtella' mill-Ministeru ta' l-Ambjaent fejn tfal mil-lokal ġew imħeġġa li jagħtu semhom għal tindif f'parti mill-Isla. Il-ħseib kien li jitkattar is-sens ta' ndafa u rispett lejn l-ambjent tal-lokal.

- Working Group - Local Councils (16 ta' Diċembru 2002)

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv attendew l-ewwel laqgħa mtella' mid-Dipartiment tal-Public Policy fil-fakulta ta' FEMA fl-Universita' ta' Malta bil-għan li jinħoloq working group dwar il-Kunsilli Lokali f'dan id-Dipartiment. Aktar tard għandhu jitħabbar program ta' attivitajiet u proġetti f'dan is-sens. Il-Professur Godfrey Pirotta qed jieħu ħsieb f'dan il-qasam.

- Laqgħa Pubblika

Il-Kunsill għamel laqgħa pubblika nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2002 fil-5.30pm dwar il-Proġett tal-Kottonera fejn ġie mfisser liċ-ċittadin il-proċess kollu dwar dan is-suġġett. F'din il-laqgħa l-Kunsill wera d-diffikultajiet li kien qed jiltaqa' magħhom u l-oġġezzjonijiet tiegħu.

- Riżoluzzjoni : Laqgħa Pubblika fil-Planning Authority 11 / 10 / 2002

Nstemgħu l-fatti kollha u waa ġie komunikat li fuel station u club house ġew rifjutati.

- Korsijiet Diversi

Matul din is-sena l-Kunsill tella' u organiżża diversi korsijiet għaċ-ċittadini tal-lokal. Fosthom hemm il-Parċmina u l-Ganutell.

- <u>Drama Kors</u>

Matul din is-sena l-Kunsill permess tal-Kumpanija Bronk tella' Kors tad-Drama li kien hemm konkorrenza sewwa b'riżultati tajba.

- <u>Dar Sant'Anna</u>

Il-Kunsill ta sponsorship lil Volontiera Żgħażagħ mill-Għaqda Caritas fi proġett għall-għajnuna ta' l-anzjani f'din id-dar.

F'din l-attivita' li saret f'Lulju 2002 grupp ta' żgħażagħ għexu ma' l-Anzjani għal diversi ġranet biex jaġevolawhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Il-ħsieb huwa li ż-żgħażagħ u l-anzjani jaqsmu żmien flimkien filwaqt li jgħarfu l-ħtieġa ta' xulxin.

- <u>Job Club għaż-Żgħażagħ</u>

Matul din is-sena l-Kunsill flimkien mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u l-Community Development Unit, organiżża dan il-Job club biex jgħin liż-żgħażagħ Sengleani jfittxu xogħol kif ukoll jiżviluppaw it-talenti u l-iskills tagħhom.

Dan il-kors sar fis-Sala tal-Kunsill darbtejn fil-ġimgħa. Mexxa dan il-kors is-Sur Carlo O. Demanuele.

- <u>Għadqa Letterarja Maltija (15 ta' Novembru 2002)</u>

Fuq talba tagħhom stess, din l-għaqda tellgħet fis-Sala tal-Kunsill Lejla Letterarja Maltija fejn saret fil-premjazzjoni tal-konkorsi li nidiet din l-istess għaqda.

Waqt din il-laqgħa tħabbru r-rebbieħa li ġew ppreżentati bi trofej u diploma kif ukoll inqraw xogħlijiet letterarji flimkien ma' mużika għall-okkażjoni.

Kienet serata tajba ħafna u kien hemm rispons qawwi mill-mistiednin. Din l-attivita' kienet miftuħa wkoll għall-pubbliku lokali.

- <u>1 ta' Mejju 2002</u>

Żjara fl-Isla mill-Grupp Taljan Folkloristiku Colle Umberto Treviso.

- <u>Donaghee Male Choir (10 ta' Novembru 2002)</u>

Il-Kunsill stieden lil dan il-Kor Irlandiż biex jagħti kunċert fil-Bażilika Maria Bambina fis-7.00pm. Il-Pubbliku kien mistieden. Wara dan il-grupp ġie mistieden għal bibita fil-Kunsill.

Dan il-grupp kien qed jieħu sehem fl-14 il-edizzjoni tal-Malta International Choir Festival imtella' mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu.

- <u>Konferenza dwar Ġemellaġġi - Għawdex (6-10 ta' Novembru 2002)</u>

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv attendew konferenza mtella' mill-Kunsill Lokali tan-Nadur bit-tema "Il-Ġemellaġġl bejn lokalitajiet Maltin u l-Italja fil-kwadru tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewroeja fil-Mediterran". Dan sar fil-kwadru li dan il-Kunsill qiegħed fit-taħditiet għal ġemellaġġ.

- <u>Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija</u>

Fuq talba tal-Kunsill saret laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana dwar problemi fil;-lokal, bħal ma' hija d-droga u patrols frekwenti fil-lokal.

- <u>Laqgħat Kumitat Konġunt - Sindku</u>

| | |
|---|---|
| 13 ta' Frar 2002 | 3 ta' April, 2002 |
| 27 ta' Ġunju 2002 | 10 ta' Lulju 2002 |
| 16 ta' Settembru 2002 | 14 ta' Novembru 2002 |
| 28 ta' Novembru 2002 | |

- <u>Laqgħat Kumitat Rijabilitazzjoni tal-Kottonera - Sindku / Charmaine Gerada</u>

| | |
|---|---|
| 9 ta' Jannar 2002 | 6 ta' Frar, 2002 |
| 5 ta' April 2002 | 25 ta' Lulju 2002 |
| 18 ta' Settembru 2002 | 30 ta' Ottubru 2002 |
| 26 ta' Novembru 2002 | 20 ta' Diċembru 2002 |

- <u>Laqgħat għas-Sindki u Viċi Sindki - Joseph Casha / Walter Ahar</u>

24/25 ta' Mejju 2002
18/19 ta' Ottubru 2002
17/18 ta' Jannar 2002

- <u>Laqgħat mal-Ministru Francis Zammit Dimech fil-Kunsill</u>

10 ta' Lulju 2002
25 ta' Ottubru 2002

- <u>Laqgħat mal-Viċi Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi fil-Ministeru</u>

16 ta' Lulju 2002

- <u>Laqgħat EGovernment</u>

| | |
|---|---|
| 6 ta' Mejju 2002 | 8 ta' Lulju, 2002 |
| 25 ta' Lulju 2002 | |

- **Laqgħat Devoluzzjoni Enemalta - Sindku / Segretarju**

| | |
|---|---|
| 20 ta' Mejju 2002 | 28 ta' Ġunju 2002 |
| 18 ta' Diċembru 2002 | 3 ta' Jannar 2003 |

- **Laqgħat Proġett Marina Group - Kunsill / Għaqda Barklori**

| | |
|---|---|
| 6 ta' Ġunju 2002 | 11 ta' Lulju 2002 |
| 14 ta' Lulju, 2002 | Laqgħa Pubblika fil-Kunsill |
| 11 ta' Ottubru 2002 | Laqgħa Pubblika - Awtorita ta' l-Ippjanar |

- **Laqgħat Historic Building Scheme Balconies / Sindku**

23 ta' Settembru 2002
20 ta' Frar 2002

- **Kuntatt**

Il-Kunsill ħa sehem fl-iskema tal-magażin maħruġ mill-Maltacom. Infatti l-Kunsill għandu kumitati tiegħu f'dan il-Kuntatt billi jwassal artikli u messaġġi dwar il-ħidma tal-Kunsill fil-Lokal. Il-Kuntatt joħroġ erba' (4) darbiet fis-sena.

- **Street Lighting Devolution**

Il-Kunsill sejjer jieħu sehem f'din id-devoluzzjoni fejn sejjer jieħu r-responsabbilta dwar il-manutenzjoni tal-bozoz fit-toroq. Ix-xogħol fuq dawn għadhu sejjer u dalwaqt flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra tar-reġjun sejjer jiġi finalizzat.

# 5. Servizzi li qiegħed jagħti l-Kunsill

- *Bulk Refuse*

Il-Kunsill bidel il-kuntrattur biex joffri servizz aħjar u b'orħos ta' ġbir ta' bulk refuse minn ġod-djar privati skond kif jitlob iċ-ċittadin. Dan is-servizz qed jiġi offrut darbtejn fil-ġimgħa.

- *Tindif tat-Toroq*

Il-Kunsill bidel il-kuntrattur. Permezz ta' dan it-tibdil il-Kunsill qed jiffranka l-finanzi u qed iħallas servizzi aktar kontrollati u aħjar.

- *Bus Shuttle Service (Bank of Valletta)*

Għalkemm is-servizz mill-Bank of Valletta ma' baqax jingħata kif kien qabel, il-Kunsill xorta waħda għadhu qed jagħti dan is-servizz lill-anzjani. Kif kien imwiegħed il-Kunsill ħadem biex ikollna A.T.M

fl-Isla. Il-Bank of Valletta offra dan is-servizz mil-bidu ta' din is-sena u jidher li qiegħed isir servizz tajjeb miċ-ċittadini Sengleani.

- *Servizz ta' Pagamenti fil-Kunsill*

Il-Kunsill estenda s-servizzi li jagħti biex jaqdi aħjar liċ-ċittadini. Infatti s'issa ċ-ċittadin Sejnglean jista' jħallas il-Kera tal-Gvern u kontijiet tal-Maltacom fil-Kunsill barra s-servizz l-ieħor ta' ċitazzjonijiet. Dawn is-servizzi qed ikunu ta' għajnuna akbar għar-residenti lokali.

- *Trasport Pubbliku*

Wara interventi u diskussjonijiet fit-tul mill-Kunsill irnexxilu jġib servizzi ġodda ta' trasport li jopera mill-Isla.

Marsascala Route 22 : Fejn qabel din ir-rotta kienet topera minn Bormla għal Marsascala u lura issa bdiet topera minn Misraħ 4 ta' Settembru, fl-Isla u lura.

Sptar San Luqa Route 75: Fejn qabel dan is-servizz kien qed jingħata darba kuljum wara nofsinhar, dan is-servizz żdid għal darbtejn kuljum, darba filgħodu u dak ta' wara nofsinhar.

- *Minuti lill-Għaqdiet*

Il-Kunsill qed iżomm aġġornati lill-Għaqdiet kollha fil-lokal regolarment billi jingħatawlhom il-Minuti hekk kif ikunu approvati mill-Kunsill.

- *Kalendarju 2003*

Għat-tieni sena konsekuttiva f'Diċembru 2002, il-Kunsill ippubblika kalendarju 2003 bi sfond storiku dwar personaġġi Sengleani. Dan il-kalendarju ġie mqassam bla ħlas lill-familji kollha fl-Isla.

## 6. *Attivitajiet*

Dawn huma l-attivtajiet u ħarġiet kulturali u rikrejattivi li l-Kunsill wettaq b'suċċess f'din is-sena :

| | |
|---|---|
| Weekend Break fir-Ramla Bay Hotel | 10, 11 & 12/05/2002 |
| Weekend Break fil-Paradise Bay Resort | 18, 19, 20 & 21/07/2002 |
| Coffee Morning Anzjani fis-Sala tal-Kunsill | 24/07/2002 |
| Kompetizzjoni ta' l-Inbid fi Ġnien tal-Gardjola | 27/07/2002 |
| Ġurnata Għawdex | 06/08/2002 |

| | |
|---|---|
| Night Cruise fil-portijiet tal-Belt u tas-Sliema | 20/08/2002 |
| Art Exhibition fis-Sala tal-Kunsill | 28/08/2002 - 28/09/2002 |
| Sagħtejn bejn il-ħbieb fis-Sala tal-Kunsill | 08/10/2002 |
| Ħarġa Kulturali għall-Anzjani f'Ħaġar Qim u ż-Żurrieq | 30/10/2002 |
| Sagħtejn bejn il-Ħbieb fis-Sala tal-Kunsill | 15/11/2002 |
| Coffee Morning għand Piscopo Garden Centre, Burmarrad | 29/11/2002 |
| High Tea fis-sala tal-Kunsill | 13/12/2002 |
| Ħarġa Kulturali fil-Palm Valley, Marsascala | 20/12/2002 |
| Rigal lill-Anzajni fis-Sede Azzjoni Kattolika | 26/12/2002 |
| Sagħtejn bejn il-Ħbieb fis-Sala tal-Kunsill | 22/01/2003 |
| Weekend Break fis-San Antonio Hotel, Buġibba | 14, 15 & 16/02/2003 |
| High Tea fis-Sala tal-Kunsill | 21/02/2003 |

# 7. Għajnuna lill-Għaqdiet

- *Senglea Regatta Club*

Il-Kunsill approva għajnuna sostanzjali biex jinxtara njam u matejal biex tiġi kumissjonata opra tal-baħar li ser tintuża miż-żgħażagħ tal-lokal. Dan wara li dan il-club rebaħ bl-unuri kollha lċ-challenge cup tat-tiġrijiet tat-8 ta' Settembru 2002.

- *Senglea Athletics Football Club*

Il-Kunsill iffinanzja r-reception li saret ad unur ta' dan il-club wara li kein ġie promos fil-First Division.

# 8. Proġetti Futuri

- *Infrastruttura*

Il-Kunsill qed jippjana li fis-sentejn li ġejjin jimbarka fuq xogħol ta' nfrastruttura f'dawk li huwa tqegħid ta' servizzi ta' l-ilma kif ukoll asphaltar mill-ġdid u tranġar t' bankini f'dawn it-toroq :
Dawret ix-Xatt, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurċifiss, Triq San Lawrenz, triq San Ġużepp, Parti minn Triq Iż-Żewġ Mini.

- *EGovernment*

Il-Kunsill ser ikun qed joffri servizz ta' internet cafe għaċ-ċittadini Sengleani mill-Uffiċċju li għandhu f'Misraħ 4 ta' Settembru. Dan sejjer jibda jingħata hekk kif jiġi stallat l-apparat meħtieġ.

Barra dan il-Kunsill identifika l-Cardphone Booth li hemm f'Misraħ 4 ta' Settembru, ħdejn l-uffiċċju bħala Internet Access Point Pubbliku.

Barra dan il-Kunsill nieda website ġdida bħala parti mill-Egovernment Policy li tkun tista' tibda topera hekk kif din is-sistema tiġi varata mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali.

***Website address : www.isla.gov.mt***

- *Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru*

Wara li dan il-fond jiġi devolut il-Kunsill bi ħsiebu isewwi l-ħsarat strutturali li fih biex jibda jservi bħala librerija lokali flok dik li hemm fl-Iskola.

Barra minn hekk dan il-fond ser iservi bħala ċentru għall-eGovernment, li hu servizz ġdid għaċ-ċittadin.

- *Ground tal-Football*

Il-Kunsill qiegħed jistenna site alternattiv biex isir ground synthetic turf minflok fil-Ground tal-Ponta. Saru diversi laqgħat dwar dan u qegħdin nistennew risposta ma min huwa kkonċernat.

- *Latrini Pubbliċi*

Latrini Pubbliċi fi Triq il-Ħabs l-Antik se jiġu rijabilitati u jerġgħu jibdew jintużaw.

- *Proġetti bi sħab mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Niċċa ta' Sant'Anna : Dan ix-xogħol beda u sejjer jitkompla. Dan ix-xogħol stmat li jqum madwar Lm 40, 00.00.

Pavimentar quddiem Ġnien il-Gardjola : Dan ix-xogħol stmat Lm 26, 000.00.

Pjazza J. B. Azopardo - It-Tieni Fażi : Dan ix-xogħol stmat Lm 3, 500.00.

# 9. Konklużjoni

Dan kien parti ewlenija tax-xogħol li wettaq din is-sena u li mhux qed jirrifletti l-ħidma kollha li saret minn dan il-Kunsill.

Minn dan ir-rapport joħroġ li l-ħidma tal-Kunsill għas-sena li ġejja ser tkun iffukata lejn xogħol infrastrutturali, soċjali u edukattiva.

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

*Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill Lokali Isla Sal-15 ta' Marzu 2003*
*Skond il-Balance Sheet maħduma sa' l-istess data.*

| *Current Assets* | *Lm* | *Lm* |
|---|---|---|
| Debtors | 8, 523.26 | |
| Pre Payments | 267.50 | |
| Bank Accounts | (972.57) | |
| Cash in hand | 61.86 | 7, 880.05 |

| *Current Liabilities* | *Lm* | *Lm* |
|---|---|---|
| Creditors : Short term | 785.73 | |
| Accruals | 2, 241.90 | 3, 027.63 |
| Current Assets less Current Liabilities Fil-15 ta' Marzu 2003 | | 4, 852.42 |

*Ħlas dovut mill-Kunsill (sa l-aħħar ta' Marzu 2003)*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji (Bonuses, N. I. & F. S. S.) | 2, 317.78 | |
| Kuntratti Kurrenti | 1, 365.00 | |
| | | 3, 682.78 |

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

D:/finance/adminreport01'03.doc